MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-2 ta' April, 2007

Numru 39/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jonathan Xuereb**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jonathan Xuereb talli nhar is-16 ta' Lulju, 2006 fl-04.25am bhala l-persuna licenzjata biex tiggestixxi l-hanut 'Al Porto' li jinsab fl-Mgarr, Ghawdex:

1. Naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet jew limitazzjonijiet ohra li ghaliha hija soggetta l-licenjza tieghu billi halla l-hanut miftuh ghall-pubbliku wara s-01.00am bi ksur tal-Artikolu 43(1)(b) tal-Kap 409;
2. Impjega lil Ritenne Grima minn Haz-Zebbug, Malta, biex taghmilha floku jew bhala rappresentanta tieghu fil-

hanut minghajr il-permess tal-awtoritajiet kompetenti bi ksur tar-regolament 21 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern 392/1921;
3. Daqq jew ippermetta li tindaqq muzika amplifikata bejn l-04.00am u d-09.00am bi ksur tal-Artikoli [recte: regolamenti] 38(2)(a) u 38(4) tal-Avviz Legali 1/2006; u
4. Aktar, talli sar recidiv b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-22 ta’ Gunju 2006 (Art. 49, Kap. 9);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-18 ta’ Jannar 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Jonathan Xuereb hati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u kkundannatu multa ta’ mija w hamsin lira (Lm150);

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-Avukat Generali, minnu pprezentat fid-9 ta’ Frar 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

Dana l-appell jirrigwarda l-piena erogata mill-ewwel qorti. L-appellant Avukat Generali jikkontendi li l-piena pekunjarja ghar-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni ma setghetx tkun ta’ anqas minn Lm500, u dan peress li l-parametri ta’ tali piena pekunjarja huma, skond l-Art. 43(1)(b) tal-Kap. 409, minn minimu ta’ Lm500 sa massimu ta’ Lm10,000. L-appellant Avukat Generali jikkoncedi li r-reati ipotizzati fl-imputazzjonijiet l-ohra huma assorbiti fir-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni.

Din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi tghid, hlief li taqbel ma’ l-Avukat Generali fl-esposizzjoni tieghu dwar il-piena applikabbli. Din il-Qorti llum stess kellha l-okkazjoni taghti sentenza fir-rigward ta’ l-istess stabbiliment (pero` fir-rigward ta’ ksur tal-ligi kommess f’data differenti) fl-appell nru 31/07 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Axiaq**, u hafna mill-osservazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti f’dik is-sentenza – li ghaliha qed issir referenza a skans ta’

ripetizzjoni – japplikaw ukoll ghal kaz in dizamina. F'dan il-kaz, pero`, l-appellat Xuereb huwa wkoll akkuzat li huwa recidiv, u ghalhekk, u anke minhabba li huwa l-persuna li fuqha harget il-licenzja u ghalhekk il-persuna principalment responsabbli ghall-osservanza tal-kundizzjonijiet kollha li jmorru mal-licenzja, il-piena ghandha tkun aktar minn dik ta' Axiaq.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell interpost mill-Avukat Generali u konsegwentement thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza li biha Jonathan Xuereb gie kkundannat multa ta' Lm150 u minflok tikkundannah multa ta' elf u erba' mitt lira (Lm1,400) konvertibbli f'sitt xhur prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------